MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Numru. 627/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Karlis Meiers**

**Kumpilazzjoni Nru: 627/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Karlis Meiers ta' 21 sena, iben Didzis u Parsla nee' Barone, imwieled gewwa Jurmala, Latvia, nhar il-11 ta' Marzu 1990, residenti gewwa Vine Bay Apartments, flat 3, Trejqet il-Bajja, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 59998(A) u passaport tal-Latvia bin-numru LV3634272.

Akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta' Mejju 2011 u fil-jiem ta' qabel, gewwa Tas-Sliema u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

2. U aktar talli nhar is-16 ta' Mejju 2011, ghall-habta tad-09:40 ta' filghodu, gewwa l-hanut Nouvelle Idee, li jinsab fi Triq San Duminku, Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u dan sehh ghad-detriment ta' Claire Valastro u/jew persuna jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Claire Valastro kontra l-volonta' taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha u mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjiegha;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Claire Valastro f'periklu ċar, ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' l-istess Claire Valastro minn Tas-Sliema, liema offizi giet ikkagunati permezz ta' arma regulari jew bi strument li jaqta' jew iniggez;

5. U aktar talli nhar is-16 ta' Mejju 2011, ghall-habta tad-09:20 ta' filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq flimkien ma' persuna ohra minn gewwa l-fond bl-isem Classic Jewellers, li jinsab ix-Xatt ta' Tas-Sliema kantuniera ma' Triq San Vincenz, Tas-Sliema, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' ta' l-imputat, u li kieku dan id-

delitt gie esegwit, kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

6. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu jew xort’ ohra, kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta minghjar ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

8. U aktar talli nhar is-16 ta’ Mejju 2011, ghall-habta ta’ l-04:20 ta’ filghodu, fi Triq San Vincenz, Tas-Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe sistema ta’ sorveljanza li hemm installata mal-fond Classic Jewellers kif ukoll hgiega kbira li tifforma parti mill-istess fond, li jinsab ix-Xatt ta’ Tas-Sliema kantuniera ma’ Triq San Vincenz, Tas-Sliema, liema ammont ta’ hsara huwa izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan ghad-detriment tal-proprjetarju/i u/jew direttur/i tal-Classic Jewellers, u/jew persuna jew persuni ohra;

9. U aktar talli matul il-lejl ta’ nhar il-05 u 06 ta’ Mejju 2011, minn gewwa l-fond bl-isem Belgravia, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta’ oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Joseph Sammut u/jew persuna jew persuni ohra;

10. Akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-pajjiz tal-Latvja, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali pipermezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 261(a)(b), 262(1)(a)(b), 263(b), 274(d), 277(b) u 278 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 86, 87(c)(e) u 275 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 217 u 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 277, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i) 261(b)(c)(f), 263(a), 267 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j) 49, 50 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
k) 17, 23, 23B, 30, 31, 289, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw tlett episopji principali: serq mill-fond Belgravia Auction Gallery fi Triq Gorg Borg

Olivier San Giljan matul il-lejl bejn nhar il-5 u nhar is-6 ta' Mejju 2011; attentat ta' serq minn Classic Jewellers f'Triq is-Xatt Sliema nhar is-16 ta' Mejju 2011; u serq aggravat mill-fond Nouvelle Idee f' Triq San Duminku Sliema nhar is-16 ta' Mejju 2011.

Illi x-xhud principali f'dan il-kaz kien certu Perry Thomas Bilsborrow li, permezz ta' proceduri separati, ukoll gie imputat b'diversi reati in konnessjoni ma' wiehed minn dawn l-episodji; huwa ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi dan ix-xhud jirrakkonta li huwa kien jghix f'l-istess appartament ma' certu Albert Tanti fi Triq San Vincenz Sliema. Dan Albert Tanti sar jaf lill-imputat ghaliex kien iltaqa' mieghu d-Detox Centre u kien tramite Tanti li Bilsborrow sar jaf lil-limputat. L-imputat kien jghix f'appartament ghalih f' San Giljan pero minn meta sar jaf lil Tanti kien qed iqatta' hafna ma' dan Tanti u Bilsborrow. Bilsborrow jghid li huwa sar jaf lill-imputat xi tlett gimghat qabel ma gew arrestati u investigati in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Illi Bilsborrow jirrakonta li kien hemm okkazzjoni, ftit granet qabel ma gew arrestati, meta l-imputat mar ghandhom u qalilhom li huwa kien sgassa auction gallery f'San Giljan vicin ta' fejn kien jghix (l-imputat kien jghix f' Trejqet il-Bajja San Giljan); Bilsborrow ma kienx jaf l-isem ta' din l-auction gallery pero jaf li kienet max-xatt vicin tac-City of London Bar. Skond ma rrakkontalu l-imputat dan kisser il-hgieg tal-hanut, daqqet l-alarm pero hu xorta dahal u seraq xi erbgha armi (Bilsborrow anke ta' deskrizzjoni ta' uhud minnhom). Bilsborrow jkompli jirrakkonta li l-imputat u Albert Tanti ftehmu li Tanti kellu jara kif jakkwista munizzjon ghall dawk l-armi pero sa l-ghada l-imputat kien diga bejgh wahda minn dawn l-armi. L-ghada fil-fatt qam argument bejn Tanti u l-imputat u spiccaw gew f'l-idejn; waqt din it-taqbida Tanti irnexxielu jiehu wahda mill-armi li kien seraq l-imputat. L-ghada Albert Tanti gie arrestat mill-pulizija ghaliex instab fil-pussess ta' din l-arma.

Illi Bilsborrow jirrakkonta ukoll li nhar is-16 ta' Mejju 2011 ghall-habta ta' l-erbgha ta' fil-ghodu marru hdejn il-Classic Jewellers ta' Triq ix-Xatt Sliema u hemm hu refa' lill-imputat li kellu "cutters" f'idejh u bihom qata il-cable tac-CCTV camera li kien hemm imwahhla mal-hajt tal-genb tal-hanut. Wara li qata' l-cable l-imputat ta daqqa fuq wahda mill-panels tal-hgieg li hemm fil-hajt mal-genb tal-hanut ukoll. Bilsborrow jghid li l-intenzjoni taghhom kienet li jkissru l-hgiega, jidhlu fil-hanut u jiehdu affarijiet mill-hanut. Meta Bilsborrow ra li l-hgiega ma kenitx ser tinkiser qal lill-imputat biex imorru lura f'l-appartament. Hemm huma organizzaw ruhhom ghal aktar tard fis-sens li ddiskutew alternattiva ghal kif setghu iwettqu s-serq minghand Classic Jewellers. L-imputat prepara butterfly knife u sikkina ohra, duct tape, ingwanti u maskri (balaclavas); qeghdu kollox f'basket vjola u ghall-habta tas-sebgha u nofs / it-tmienja ta' filghodu marru fuq bank fil-gnien li hemm fi Triq ix-Xatt quddiem il-Classic Jewellers. Il-pjan taghhom, dejjem skond Perry Bilsborrow kien li malli jigu s-salesgirls biex jifthu l-hanut jidhlu maghhom, u fil-waqt li Bilsborrow izomm is-shutter maghluq l-imputat jiehu l-affarijiet mill-hanut; id-duct tape haduh halli jekk it-tfajliet joffru rezistenza huma jorbtuhom bih. Bilsborrow jghid li l-imputat tah il-butterfly knife biex izommha fuqu, fil-waqt li hu (l-imputat) zamm is-sikkina l-ohra; pero Bilsborrow ma ridx izomm skiken fuqu. Meta waslu t-tfajliet is-shutter ma nfethietx wahedha u kellhom itellawha manwalment b'ghajnuna ta' terzi. Bilsborrow u l-imputat qamu minn fuq il-bank, qasmu u marru biex jidhlu fil-hanut pero sabu li l-bieb tal-hgieg kien msakkar. L-imputat beda jipprova jifthu u jaghmel sinjal lit-tfajliet biex jifthu pero huma ma fethux; Bilsborrow u l-imputat telqu 'l hemm.

Illi huma u mixjin lejn l-appartament ta' Bilsborrow ghaddew minn hdejn il-hanut Nouvelle Idee. L-imputat iddecieda li rid jidhol biex jisraq xi haga minn hemm pero Bilsborrow ma ridx jippartecipa; l-imputat ha sikkina minn gol-basket u ta l-basket lil Bilsborrow, nizzel il-balaclava u dahal fil-hanut; Bilsborrow sema' lit-tfajla li kien hemm fil-hanut twerzaq u telaq jigri. Hu fil-fatt baqa sejjer lejn l-appartament tieghu; meta dahal mill-bieb principali (tal-

komun) ra li kellu xi posta fil-letter box ghalhekk telaq il-basket minn idejh biex jiftah il-letter box; kien propju dak il-hin li dahlu l-pulizija u arrestawh; malli arrestawh il-pulizija gabru il-basket li Bilsborrow kien ghadu kif telaq minn idu.

Illi xehedu l-impjegati ta’ Classic Jewellers. Mid-depozizzjoni taghhom jirrizulta li ftit granet qabel dan l-attentat kienu dahlu zewg persuni fil-hanut ta’ Triq ix-Xatt u qalu li kellhom xi curkett ghall-bejgh. It-tfajliet li kien hemm fil-hanut qalulhom li f’dak il-hanut ma jixtrux deheb. Nhar is-16 ta’ Mejju 2011 fil-ghodu waslu tnejn mit-tfajliet li jahdmu hemm u marru ghand stabbilimnet vicin tal-hanut jiehdu cafe sa kemm tigi t-tfajla l-ohra bic-cavetta tal-hanut. Sa kemm kienu qed jiehdu l-cafe, u anke meta giet it-tielet tfajla, innuttaw zewg irgiel fuq bank quddiem il-Classic Jewellers; huma gharfuhom bhala z-zewg persuni li kienu marru xi jumejn qabel jippruvaw ibieghu c-curkett. Fil-fehma tat-tfjaliet dawn iz-zewg irgiel kienu suspettuzi; u dan minhabba l-komportment taghhom u anke minhabba l-mod kif kienu liebsin. It-tfajliet semmew gakketta, ingwanti tas-suf, berritta u *beanie* li ma kienux appropjati ghat-temp sabih ta’ dak in-nhar. Meta it-tfjaliet pruvaw jhaddmu is-shutter din ma telghatx u aktar bdew jinkwietaw. Irnexxielhom jifthu ix-shutter manwalment, dahlu fil-hanut, u regghu nizzlu x-shutter sakemm jippreparaw il-hanut. Meta sar id-disgha u ghollew ix-shutter irrealizzaw li dak iz-zewg irgiel mhux talli kienu ghadhom hemm, imma bdew jersqu lejn il-hanut; ghalhekk huma sakkru l-bieb tal-hgieg u cemplu kemm lill-persuna addetta mis-security tal-hwienet Classic Jewellers u anke lill-pulizija. Sa kemm wahda mit-tfajliet kienet qed tkellem lill-pulizija wiehed mill-irgiel (li huma iddeskrivaw bhala wiehed ta’ eta vicin is-sittin) qaghad jara l-armatura fil-waqt li l-iehor (li huma gharfu bhala l-imputat) prova jiftah il-bieb; meta dan ma rnexxielux jifthu beda jissara mal-bieb u jaghmel sinjal lit-tfajliet biex jifthulu. Naturalment it-tfajliet, li tul dan il-hin baqaw f’kuntatt permezz tat-telephone mal-pulizija, ma fethux il-bieb u  dawn iz-zewg irgiel telqu. Irrizulta li x-shutter ma kenitx hadmet minhabba xi short fis-sistema ta’l-elettriku u dan peress li matul il-lejl l-imputat u Bilsborrow kienu

qatghu l-cabel tac-CCTV camera mal-genb tal-hanut. Il-hsara fil-cable u fil-hgieg ammontat ghal €1734.13.

Illi xehdet Claire Valastro impjegata fil-hanut Nouvelle Idee hi tirrakkonta li kienet qeghda fil-hanut meta ghall-habta tad-disgha u nofs ta’ filghodu dahal ragel liebes gakketta sewda u ghalaq il-bieb, dar u ndunat li kellu wiccu mghotti. Hu qallha li “this is a robbery” u li ma kenitx cajta; ghamiliha sikina m’ghonqha u talabha taghtih il-flus li kien hemm fil-cash register; hi hekk ghamlet; saqsiha jekk ghandhomx affarijiet tad-deheb u hi qaltlu li le. Dan ir-ragel mbaghad qallha biex tidhol f’l-istore biex isakkarha hemm pero Valastro rrifjutat; saqsieha ghandhiex tape u hi qatalu bicca zghira pero hu qallha li rid bicca itwal biex jorbotha biha; hi bdiet tirrezisti. Kien propju dak il-hin li rat xi nies barra l-hanut u bdiet tghajjat u thabbat mal-hgieg. Meta ra hekk dak ir-ragel li kien qed iwettaq il-hold up telaq jigri u hekk kif telaq nehha l-beritta u bicca sewda ohra li kellu ma wiccu u tefaghhom ma’l-art. Fil-kors tat-taqbida bejn dan ir-ragel u Valastro hi ntlaqtet f’idejha bis-sikkina li kellu f’idu u soffriet griehi ta’ natura hafifa. Valastro lil dan ir-ragel ma ratlux wiccu pero ghandu jigi rilevat li d-deskrizzjoni li taw l-impjegati tal-Classic Jewellers ta’ l-imputat, kemm ghal dik li hi statura kif ukoll ghal dak li hu ilbies, jaqblu mad-deskrizzjoni li tat Valastro tar-ragel li wettaq din il-hold up. Ghandu jigi rilevat li Valastro specifikat li qabel ma dahal l-persuna li wettqet il-hold up fil-hanut hija nnutat ragel iehor jieqaf u jhares lejn il-vettrina; dan kien aktar anzjan, vicin is-sittin sena.

Illi xehedu l-pulizija kollha involuti f’l-investigazzjoni ta’dawn iz-zewg rapporti. Huma jghidu li ghall-habta tad-disgha ta’ fil-ghodu cemplu impjegati tal-Classic Jewellers biex jghidu il kien hemm persuni suspettuzi u li kienu qed jibzghu li ser issir xi hold up. Immedjatament intbaghtu pulizija fuq il-post; sakemm waslu fuq il-post l-irgiel kienu telqu minn hdejn il-Classic Jewellers u l-pulizija bdew ifitxxu fil-vicinanzi. Sadattant wasal ir-rapport dwar il-hold up fil-hanut Nouvelle Idee u komplew l-investigazzjonijiet taghhom hemm. Meta kienu qed ghamlu tfittix fil-vicin raw persuna diehla f’appartamenti li kien jaqbel mad-deskrizzjoni li taw l-impjegati tal-Classic Jewellers tal-

persuna aktar anzjana li kienet ma'l-imputat u mad-deskrizzjoni li tat Valastro tal-persuna li rat thares fil-vettrina qabel ma dahal ir-ragel iwettaq il-hold-up. Huma waqqfu lil din il-persuna u arrestawh; dan kien Perry Thomas Bilsborrow. Aktar tard dak in-nhar il-pulizija ghamlu tfixxija f'l-appartament fejn kien joqghod Bilsborrow; meta ghamlu din it-tfittxija sabu lill-imputat hemm, li gie arrestat ukoll u kompliet l-investigazzjoni billi anke saret tfixxija f'l-appartament fejn kien joqghod l-imputat. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni l-pulizija elevat diversi oggetti inkluz l-berritta u bicca sewda li r-ragel li wettaq il-hold-up fil-Nouvelle Idee tefa' ma'l-art; il-basket il-vjola bil-kontenut tieghu (duct tape, pokect ta' sikkina) li telaq minn idu Bilsborrow fil-mument li gie arrestat; ammont ta' flus kontanti (karti u coins li kienu jaqblu mad-denominazzjonijiet li kienu nsterqu minghand in-Nouvelle Idee) mill-wallet ta' l-imputat; butterfly knife li nstabet fil-mument ta' l-arrest ta' l-imputat; kif ukoll librett b'lista ta' oggetti li kienu ghall-bejgh fix-xahar ta' Marzu 2011 ghand il-Belgravia Auction Gallery -- dan gie elevat mill-appartament fejn kien joqghod l-imputat.

Illi xehed Joseph Sammut il-persuna li tigestixxi negozju ta' irkanti b'l-isem Begravia Auction Gallery. Huwa jghdi li matul il-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Mejju 2011 xi hadd kisser il-hgieg tal-hanut, dahal u minn hemm seraq erbgha pistoli li ghandhom valur komplessiv ta' €2305; il-hsara fil-hgieg kienet tammonta ghal €240.42.

Illi gew mahtura diversi esperti fil-kors ta' l-inkjesta dwar is-serq mill-fond Nouvelle Idee. Fosthom Dr Mario Scerri ikkonferma li Claire Valstro kienet soffriet griehi ta' natura hafifa f'idejha. In oltre Dr Marisa Cassar ikkonfermat li l-profil genetiku li hareg mid-demm li kien hemm mal-bicca drapp sewda, u xaghra li kien hemm fil-beritta (iz-zewg oggetti li ntefghu ma'l-art mill-persuni li wettqet il-hold-up fil-hanut Nouvelle Idee) kien jaqbel mal-profil genetiku ta'l-imputat.

Illi gew esebieti ukoll stills mic-CCTV cameras tal-Classic Jewellers li fihom jidhru l-imputat u Perry Thomas Bilsborrow ghall-habta ta' l-erbgha ta' filghodu u ghall-

habta tad-disgha ta' filghodu nhar is-16 ta' Mejju 2011 kif ukoll xi hin nhar it-tlettax ta' Mejju 2011 meta marru biex jippruvaw ibieghu curkett.

Illi l-imputat mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi huwa jinnega kwalunkwe involviment f'dawn l-episodji. Jammetti li kien hemm okkazzjoni meta mar ghand il-Classic Jewellers biex jipprova jbiegh xi deheb u li anke dak in-nhar li gie arrestat, kmieni fil-ghodu, marru hu u Bilsborrow biex ibieghu xi deheb pero l-hanut kien ghadu maghluq allura telqu 'l hemm. Konfrontat bir-ritratti tieghu (stills mir-recording tac-CCTV tal-Classic Jewellers) mehuda nhar is-16 ta' Mejju 2011 f'l-erbgha ta' filghodu meta inqatet il-cable tal-camera, jghid li ma jiftakar xejn. Hu jispjegav li kien jiehu eroina kuljum u minhabba l-effetti ta' din id-droga ma jiftakarx. Jghid ukoll li l-wallet, fejn instabu l-flus kontanti, l-karta ta'l-identita tieghu u xi dokumenti ohra, mhux tieghu; jghid li ftit mill-hwejjeg li kien jidher liebes f'l-istills esebieti mhux tieghu imma taghhomlu Bilsborrow. Jinnega li huwa qatt qal lil Bilsborrow li seraq armi minghand Belgravia Auction Gallery; anzi jghid li huwa qatt ma kellu armi fil-pussess tieghu. Jinnega ukoll li huwa qatt kellu xi pjan flimkien ma' Bilsborrow biex jisirqu minghand il-Classic Jewellers.

Illi huwa car li hemm kunflitt bejn dak li qed jghid l-imputat min-naha u dak li qed jghid Perry Thomas Bilsborrow min-naha l-ohra. Il-Qorti pero, wara li kellha l-opportunita tarah u tisma lil kull persuna tixhed quddiemha u tevalwa dawn id-depozizzjonijiet fid-dawl tal-kumpless tal-provi kollha prodotti inkluz dawk forensici, m'ghandha l-ebda dubbju li hija tista' taghti kredibililta lil Perry Thomas Bilsborrow, li gie korroborat mix-xhieda l-ohra kollha tal-prosekuzzjoni u konfortat mill-provi forensici f'kull aspett tad-despozizzjoni tieghu, u tiskarta d-depozizzjoni ta'l-imputat bhala wahda inveritierja.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma:

- Assocjazzjoni ma' persuni ohra b'l-ghan li jaghmel delitt;
- Serq aggravat bil-vjolenza u mezz, sekwestru ta' persuna, u griehi hfif fuq il-persuna ta' Claire Valastro in konnessjoni mal-hold up fil-hanut Nouvelle Idee;
- Attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur b'referenza ghall-incident fil-Classic Jewellers meta kienu ghadhom kif ser jifthu;
- Garr ta' strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja;
- Garr ta' arma regolari waqt li kkommetta delitti;
- Hsara volontarja ghad-dannu ta' Classic Jewellers b'referenza ghal dak li gara kmieni fil-ghodu nhar is-16 ta' Mejju 2011;
- Serq aggravat bil-mezz, valur u hin b'referenza ghas-serq ghad-dannu tal-Belgravia Auction Gallery; u
- Recidiva.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dak dwar assocjazzjoni ai fini ta'kommissjoni ta' xi delitt.

Illi mid-depozizzjoni ta' Perry Thomas Bilsborrow m'hemmx dubbju li l-imputat u l-istess Bilsborrow, flimkien, mhux biss iddiskutew imma ppjanaw id-dettalji ta' hold-up, cioe serq aggravat, fuq hanut partikolari u specifiku, il-hanut Classic Jewellers. Konsegwentment l-ewwel imputazzjoni tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni, it-tielet u r-raba imutazzjonijiet huma dawk ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-mezz; sekwestru ta' persuna, Claire Valastro; u offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Claire Valastro; dawn in konnessjoni mal-hold up fil-hanut Nouvelle Idee.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li sehhet hold-up fil-hanut Nouvelle Idee u li fil-kors ta' dan l-incident insterqu bejn hamsin u sittin Euro fi flus kontanti kif ukoll cordless phone li jiswa xi hamsin Euro; minn wettaq dan is-serq, fil-waqt li ghalaq il-bieb tal-hanut, zamm lil Claire Valastro b'sikkina ma'ghonqha u anke ikkawzalha griehi ta' natura hafifa.

Illi l-pulizija qed tallega li l-persuna li ghamlet dan kollu kien l-imputat. Dan fil-fatt jirrizulta sodisfacjentement pruvat; jirrizulta mhux biss mid-depozizzjoni ta' Perry Thomas Bilsborrow imma anke mill-analizi tad-DNA li kkonferma li l-profil genetiku li nstab fuq il-berritta u l-bicca sewda li l-persuna li wettqet dawn l-atti kien liebes, jaqbel ma' dak ta'l-imputat.

Illi ghalhekk it-tieni, it-tielet, u r-raba imputazzjoni jirrizultaw pruvati ukoll fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur ghad-dannu ta' Classic Jewellers.

Illi ai termini ta'l-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 biex ikun hemm tentattiv ta' reat iridu jigu pruvati dawn l-elementi essenzjali:

- Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat;
- Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt; u
- In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi ndipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi l-atti esterni huma l-atti preparatorji maghmula b'l-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Illi fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo:

*To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation… So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.*

Illi mbaghad in-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt trid tkun rizultat ta' cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Pero jista' jisussisti t-tentattiv tar-reat anke jekk il-hati jieqaf minn jeddu; f'dan il-kaz hu jehel il-piena ghal dawk l-atti li kunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. F kliem l-istess Professur Mamo:

*The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will … The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well*

*as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat, flimkien ma Perry Thomas Bilsborrow, kellu l-intenzjoni li jidhol fil-hanut Classic Jewellers biex jisraq oggetti ta' deheb minn hemm; din l-intenzjoni kienet espressa apertament bejniethom tant li pjanaw id-dettalji ta' kif kellu jitwettaq dan il-pjan. Huma mhux biss esprimew l-intenzjoni taghom ma' xulxin u pjanaw id-dettalji ta' kif ser iwettqu dan il-pjan imma preparaw ruhhom u anke bdew iwettqu dan il-pjan. Huma marru armati bid-duct taape, butterfly knife u sikkina ohra, ingwanti u affarijiet biex jaghttu wicchom, stennew sakemm sar il-hin tal-ftuh u hekk kif ittellghet ix-shutter tal-hanut marru biex jidhlu fil-hanut. Meta sabu l-bieb tal-hgieg imsakkar l-imputat beda jissara mieghu biex jifthu u anke beda jghid lit-tfaljiet li kien hemm gewwa biex jifthu. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-azzjonijiet jiffurmaw *an integral part of a series of acts which in their completeness would consummate the crime* u konsegwentement jikkostitwixxu bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. Kien biss incidentali li t-tfaljiet issusspettaw u ghalhekk ma fethux il-bieb tal-hgieg ukoll. Kien dan il-fatt, kompletament indipendenti mill-volonta ta' l-imputat, li impedih milli jkompli bil-pjan tieghu. Fil-verita hu baqa jippersisti anke meta sab il-bieb imsakkar, tant li beda jissara mal-bieb u sahansitra ghamel sinjal lit-tfaljiet biex jifthu l-bieb.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi m'hemm l-ebda dubbju li din il-hames imputazzjoni giet sodisfacjetement pruvata ukoll.

Ikkunisdrat

Illi s-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar garr ta' strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li nhar is-16 ta' Mejju 2011 l-imputat kellu fil-pussess tieghu, meta kien qieghed barra, sikkina kif ukoll butterfly knife. Mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li hu ma kellux licenzja biex igorr dawn l-oggetti barra

mill-fond fejn kien joqghod. Ghalhekk tirrizulta pruvata l-imputazzjoni issa in ezami.

Ikkunsidrat

Illi s-sebgha imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dwar il-garr ta' arma regolari waqt li kien qed jikkommetti reat ta' serq u offiza volontarja fuq il-persuna.

Illi la darba l-imputazzjonijiet dwar il-hold up gew pruvati u tenut kont li gie pruvat ukoll li dak in-nhar l-imputat kellu butterfly knife u sikkina ohra fil-pussess tieghu, oggetti li jaqaw taht definizzjoni ta' arma regolari, allura din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi t-tmien imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' hsara volontarja ghad-dannu ta' Classic Jewellers b'referenza ghall-hsara ikkawzat fic-CCTV camera u fil-hgiega tal-hajt tal-genb tal-hanut kmieni fil-ghodu nhar is-16 ta' Mejju 2011.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li kien l-imputat, flimkien ma' Perry Thomas Bilsborrow, li kkawza il-hsara fic-CCTV camera u fil-hgiega takl-hanut imsemmi; jirrizulta ukoll li l-hsara kawzata tammonta ghal €1734.13.

Illi ghalhekk din it-tmien imputazzjoni tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi d-disgha imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' serq aggravat bil-mezz, valur u hin mill-Belgravia Auction Gallery.

Illi jibda biex jinghad li l-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta' Mejju 2011 mill-fond fuq imsemmi insterqu erbgha pistoli ta' valur komplessiv ta' €2305. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni m'hemm l-ebda prova diretta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu hadd ma ra lill-imputat jikkommetti dan is-serq.

Illi pero mill-provi indizjarji l-Qorti hija sodisfatta li kien l-imputat li kkommetta dan is-serq. F'l-ewwel lok l-Qorti m'ghandha l-ebda raguni biex tiddubita dak li qal Bilsborrow f'dan ir-rigward la darba huwa mhux biss kien kredibbli f'kull aspett iehor tad-depozizzjoni tieghu imma anke gie ikkoroborat kwazi f'kull aspett ta' din id-depozizzjoni. In oltre l-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt li fil-pussess ta' l-imputat instab wiehed mill-libretti li jippublikaw Belgravia Auction Gallery bil-lista ta'l-oggetti li jkollhom ghall-irkant u l-fatt li l-imputat kien joqghod vicin hafna ta' din il-gallery.

Illi tenut kont ta' dan u tal-principju regolaturi in tema ta' provi indizjarji fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjoni issa in ezami hija pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-ghaxar imputazzjoni hija dik dwar recidiva.

Illi l-fedina penali ta'l-imputat ghal dak li jikkoncerna reati kommessi f' Malta hija nadifa; l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hija li l-imputat huwa recidiv ghaliex ikkmetta reati ohra li dwarhom gie processat, instab hati u kkundannt f'pajjizu, il-Latvia. Pero l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura serjissima tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Fattur iehor li ghandu jinghata certu piz huwa l-perikolu li l-imputat jikkostitwixxi ghas-socjeta in generali. Tenut kont ta' dan il-Qorti hija konvinta li l-unika piena li tista' taghi hija dik ta' piena karcerarja effettiva u ghal tul ta' zmien li jirrisspekkja dawn iz-zewg fatturi.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ghaxar imputazzjoni dwar recidiva u tilliberah minnha

wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 48A, 86, 87(c)(e), 217, 221(1)(2), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghom tikkundannah hames (5) snin prigunerija u multa ta’ €116.47. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 qed tikkonfiska tal-butterfly knife esebieta bhala Dok KA5 u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 57 ta’l-istess Kapitolu 480 qed tiskwalifka lill-imputat minn kull licenzja ai termini ta’l-imsemmi Kapitolu 480 ghal perjodu ta’ hames snin u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti is-somma ta’ €2545.97 rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------